



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 135/24

Il-Lussemburgu, 10 ta' Settembru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-48/22 P | Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-multa ta' 2.4 biljun euro imposta fuq Google minħabba li abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi ffavorixxiet is-servizz tagħha stess ta' tqabbil tax-xiri

L-appell ippreżentat minn Google u Alphabet huwa miċħud

Fl-2017, il-Kummissjoni kienet imponiet multa ta' madwar 2.4 biljun euro fuq Google minħabba li kienet abbużat il-pożizzjoni dominanti tagħha f'diversi swieq nazzjonali tat-tiftix fuq l-internet billi ffavorixxiet is-servizz tagħha stess ta' tqabbil tax-xiri meta mqabbel ma' dak tal-kompetituri tagħha. Il-Qorti Ġenerali kienet, essenzjalment, ikkonfermat din id-deċiżjoni u żammet din il-multa. Google u Alphabet ippreżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li tiċħad dan l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2017¹, Il-Kummissjoni kkonstatat li, fit-tleltaq il-pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)², Google kienet ipprivileġġjat, fil-paġna tagħha ta' riżultati ta' tiftix ġenerali, ir-riżultati tas-servizz tagħha stess ta' tqabbil tax-xiri meta mqabbla ma' dawk tas-servizzi kompetituri ta' tqabbil tax-xiri. B'hekk Google kienet ippreżentat ir-riżultati ta' tiftix tas-servizz tagħha stess ta' tqabbil tax-xiri fl-ewwel pożizzjoni u kienet ippreżentathom f'forma enfasizzata f'"kaxxi", billi żiedet magħhom informazzjoni viżiva u testwali attraenti. Min-naħa l-oħra, ir-riżultati ta' tiftix tas-servizzi kompetituri ta' tqabbil tax-xiri kienu jidhru biss b'ħala sempliċi riżultati ġeneriċi (ippreżentati fil-forma ta' links blu) u minħabba dan il-fatt, kuntrarjament għar-riżultati tas-servizz tat-tqabbil tax-xiri ta' Google, setgħu jiġu rrelegati permezz ta' algoritmi ta' aġġustament fil-paġni tar-riżultati ġenerali ta' Google.

Il-Kummissjoni kkonkludiet li Google kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tas-servizzi ta' tiftix ġenerali fuq l-internet kif ukoll f'dak tas-servizzi ta' tiftix speċjalizzat ta' prodotti u imponiet fuqha multa ta' EUR 2 424 495 000, ħlas li għalih Alphabet, inkwantu soċja unika ta' Google, kienet ġiet obligata tħallas *in solidum* sa EUR 523 518 000.

Google u Alphabet ikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Novembru 2021³, il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, ċaħdet ir-rikors u, b'mod partikolari, ikkonfermat il-multa. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali qieset li ma kienx ġie stabbilit li l-prattika ta' Google kellha effetti antikompetittivi, anki jekk biss potenzjali, fuq is-suq ta' tiftix ġenerali. B'konsegwenza, hija annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni sa fejn fiha kkonstatat ksur tal-projbizzjoni tal-abbuż minn pożizzjoni dominanti wkoll fir-rigward ta' dan is-suq.

Għalhekk Google u Alphabet ippreżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li permezz tiegħu huma talbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn ċaħdet ir-rikors tagħhom u l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza

tal-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li d-dritt tal-Unjoni ⁴ jikkundanna mhux l-eżistenza stess ta' pożizzjoni dominanti, iżda unikament l-abbuż tagħha. B'mod partikolari, huwa pprojbit l-aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li jirrestrinġi l-kompetizzjoni abbażi tal-mertu u għalhekk jista' jikkawża dannu għall-impriżi individwali u għall-konsumaturi. Dan l-aġir jinkludi dak li jipprekludi, permezz ta' miżuri oħra minbarra l-kompetizzjoni abbażi tal-mertu, iż-żamma jew l-iżvilupp tal-kompetizzjoni f'suq fejn il-livell ta' kompetizzjoni ikun diġà mdgħajef, preċiżament minħabba l-preżenza ta' impriża waħda jew iktar f'pożizzjoni dominanti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li ċertament ma jistax jitqies, b'mod ġenerali, li impriża dominanti li tapplika għall-prodotti tagħha jew għas-servizzi tagħha trattament iktar favorevoli minn dak li hija tagħti lil dawk tal-kompetituri tagħha tadotta, indipendentement miċ-ċirkustanzi tal-każ, aġir li jitbiegħed mill-kompetizzjoni abbażi tal-mertu. Madankollu hija tikkonstata li, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ġustament stabbilixxiet li, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-suq u taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ ineżami, l-aġir ta' Google kien diskriminatorju u ma kienx jaqa' taħt il-kompetizzjoni abbażi tal-mertu.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), u, [skont il-każ](#), [is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Deċiżjoni [C\(2017\) 4444 final](#), dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39740 – Google Search [Shopping]) (aqra, ukoll l-Istqarrija għall-Istampa tal-Kummissjoni [IP/17/1784](#)).

² Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, l-Isvezja, ir-Renju Unit u n-Norveġja.

³ Sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping), [T-612/17](#) (ara, ukoll, l-Istqarrija għall-Istampa Nru [197/21](#)).

⁴ Artikolu 102 TFUE.